لَقَدْ كَانَ لَكُمْ فِي رَسُولِ ٱللَّهِ أُسْوَةٌ حَسَنَةٌ

Tabilħaqq li fil-Profeta ta’ Alla (Muħammad[sa]) għandkom mudell sabiħ.



Il-Blasfemija u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-Blasfemija u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Blasphemy and the Holy Prophet Muhammad[sa]

In Maltese Language

Il-Blasfemija u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Kitba: Laiq Ahmed Atif

L-Ewwel Pubblikazzjoni bil-Malti (2013)

© **Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

Mob: +356-79320139 - **Tel:** +356-27342401
Tel: +356-21322105 - **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

Stampa meħuda: shutterstock.com

WERREJ

Il-Blasfemija

Il-Blasfemija Twettqet Mal-Profeti Kollha 1

Il-Blasfemija Mwettqa Kontra L-Qaddis Profeta Muħammad[sa] 2

Il-Kastig Għall-Blasfemija Skont L-Iżlam 3

It-Tweġiba Tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] 4

Trattament Eżemplari Ma' Min Juża L-Blasfemija 5

Konklużjoni 7

Ammissjoni Ta' Skulari Mhux Musulmani 7

L-Imġiba T-Tajba Tal-Qaddis Profeta[sa] 9

Nota tal-Pubblikatur 10

Referenzi 11



F'Isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħniena

Il-blasfemija hi mġiba jew lingwaġġ li jinsulta jew juri nuqqas ta' rispett lejn Alla, jew l-irreverenza fil-konfront ta' persuni, ritwali sagri jew reliġjużi. L-Iżlam jissejjes fuq ir-rispett u l-unur kbir li juri fil-konfront tar-reliġjonijiet u l-figuri kollha sagri. L-Iżlam jisħaq fuq l-importanza tar-rispett u l-attenzjoni lejn is-sentimenti tal-oħrajn, u ma jippermetti lil ħadd li jkażbar jew joffendi l-idoli. Alla jgħid:

"U tbaxxux lil dawk li jitolbu minflok lil Alla, biex ma jmorrux dawn, b'pika, ibaxxu 'l Alla fl-injoranza tagħhom." (Il-Koran Imqaddes, 6:109)

Dan il-vers jimpedixxi b'mod ċar kull forma ta' dagħa mill-Musulmani; minkejja dan, f'każ ta' dagħa minn Musulman jew xi ħaddieħor, l-Iżlam ma jordna l-ebda kastig uman. Matul ħajtu, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] lanqas qatt ma kkastiga lil xi ħadd talli dagħa.

Il-Blasfemija Twettqet mal-Profeti Kollha

Il-kwistjoni tal-blasfemija hi waħda taħraq u ta' spiss tkun fl-aħbarijiet. Xi kultant tkun saħansitra fit-titli ewlenija tal-aħbarijiet internazzjonali. Minkejja dan, din il-kwistjoni tal-blasfemija mhix xi fenomenu ġdid. Il-każijiet ta' blasfemija jinsabu mferrxa fil-paġni miktuba tal-istorja umana. Il-Koran Imqaddes juri b'mod ċar li l-profeti u l-messaġġiera kollha ta' Alla kienu ppersegwitati, imweġġgħin, abbużati, redikolati u mżebilħa mhux biss matul ħajjithom iżda wkoll wara mewthom.

"Jaħasra l-qaddejja! Ma jiġix għalihom Messaġġier li ma jiddieħkux bih." (Il-Koran, 36:31)

"Imbagħad bgħattna l-Messaġġiera tagħna, wieħed wara l-ieħor. Kull darba li ġie għand xi poplu l-Messaġġier tiegħu, dawn giddbuh." (Il-Koran, 23:45)

Noè[as], Abram[as], Lot[as], Saleħ[as], Shuaib[as], Mosè[as] u Ġesù[as], il-paċi dejjem fuqhom, biex insemmi xi wħud, kollha ġew imżebilħa mill-għedewwa u minn dawk li ma kinux jaqblu magħhom.

Naturalment wieħed jistaqsi: X'kienet ir-reazzjoni tal-profeti quddiem il-blasfemija? Qatt ikkastigaw lil dawk li użaw il-blasfemija? X'kien id-destin ta' dawn iż-żeblieħa u l-blasfemi?

Il-Koran Imqaddes jitkellem b'mod ċar fuq dawn iż-żeblieħa u għedewwa tal-profeti ta' Alla:

"U bla dubju, il-Messaġġiera kienu mżebilħa qablek; iżda Jien tajt ċans lil dawk li m'emmnux. Imbagħad qbadthom, u kif kien għalhekk il-kastig Tiegħi!" (Il-Koran, 13:33)

"U tabilħaqq kien hemm Messaġġiera qablek li ġew miċħuda; iżda minkejja li kienu miċħuda u ppersegwitati huma wrew paċenzja, sa ma ġiethom l-għajnuna tagħna. M'hemm xejn li jista' jbiddel il-Kliem ta' Alla." (Il-Koran, 6:35)

Dawn il-versi huma ċari biżżejjed u jixhdu li l-messaġġiera ħaddnu paċenzja kbira kull meta ġew imżebilħa u qatt ma ppruvaw jikkastigaw jew iwieġbu b'mod

vjolenti għal dawn iż-żeblieħa.

Element ieħor komuni fl-istejjer tagħhom hu li l-għedewwa kollha tagħhom kienu kkastigati minn Alla, u din hi realtà li ma tista' tinbidel qatt. "M'hemm xejn li jista' jbiddel il-Kliem ta' Alla." (Il-Koran, 6:35)

Il-Blasfemija Mwettqa Kontra l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Din il-blasfemija ma waqfitx lanqas fi żmien il-Qaddis Profeta tal-Iżlam, Muħammad[sa] – il-Prinċep tal-Paċi, li kien manifestazzjoni u riflessjoni ċara tal-glorja sħiħa ta' Alla. Dak li ngħata t-titlu minn Alla l-Igglorifikat bħala "Ħniena għall-Umanità kollha".

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] sofra kull forma ta' kastig, tortura, persekuzzjoni, blasfemija, żebliħ u turment li sofrew profeti u messaġġiera qablu. Kien imsejjaħ "l-iktar ħajjen" (Il-Koran, 63:9), meqjus bħala "giddieb" (35:26), imlaqqam "il-falsifikatur" u mogħti t-titlu ta' "miġnun" (15:7).

Kien ukoll ittorturat fiżikament, ippersegwitat u mżeblaħ. Kien hemm mara li kienet twaddablu ż-żibel ta' kuljum kull meta kien ikun fi triqtu lejn il-moskea biex jitlob. Meta mar il-belt Taif biex jgħaddilhom il-messaġġ ta' Alla, kien imħaġġar minn vagabondi u xxellerati, u ġrew warajh it-tfal tat-triq u ssuttawh sakemm iċ-ċangaturi tal-art saru ħomor b'demmu. U fuq l-art tal-battalja ta' *Uħad (isem tal-post)* il-Qaddis Profeta[sa] kien ferut serjament. In-nies ta' Mekka ta' spiss waddbu ż-żibel lejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Darba minnhom meta kien qed jitlob fil-Kaaba, tefgħu l-imsaren ta' ġemel fuq dahru.

Is-segwaċi tiegħu kienu ppersegwitati severament u l-art tal-Arabja saret għalihom verament dejqa u soffokanti. Tħallew barra fix-xemx tisreġ, ħaġar tqil tqiegħed fuq sidirhom, tkaxkru mat-toroq bħal karkassi ta' annimali mejta u mobbli oħra, kienu bbojkottjati soċjalment u mġiegħla jgħixu f'wied għal tliet snin mill-iktar twal u iebsa. Kienu mċaħħda mil-libertà, mill-propjetà u minn ħwejjiġhom.

Ġisimhom tqattgħu u tferrxu ma' kullimkien; il-fwied ta' Hamżahra, iz-ziju tal-Profeta Muħammad[sa], safa saħansitra mittiekel. Nisa tqal kienu mitfugħa minn fuq l-iġmla.

Il-Kastig għall-Blasfemija Skont l-Iżlam

Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

"Tabilħaqq, dawk li jċanfru lil Alla u 'l-Messaġġier Tiegħu – Alla jisħethom f'din id-dinja u fl-Oħra, u ħejja kastig għalihom li jbaxxihom." (Il-Koran, 33:58)

Kemm jispjega b'mod ċar il-Koran id-destin ta' dawk li jopponu lil Alla u 'l-Messaġġier Tiegħu, tant li jiddikjara li Alla biss għandu l-awtorità li jikkastiga lil dawk li jimmalafamaw, iżebilħu jew jidgħu kontra Alla u l-Profeti tiegħu. Alla ma ppermetta lil ħadd, lanqas lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] biex jikkastiga lil dawn in-nies.

Sfortunatament, ħafna nies madwar id-dinja, inkluż ħafna Musulmani, jemmnu li l-blasfemija hi att li għandu jiġi kkastigat fid-dinja, u li l-Musulmani għandhom id-dmir li jikkastigaw liż-żeblieħa u lill-blasfemi. Jemmnu li jekk xi ħadd jitkellem kontra Alla, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], il-Koran Imqaddes u l-Iżlam, hu għandu jiġi kkastigat bil-piena tal-mewt.

Iżda, ir-realtà hi kompletament differenti minn dawn il-kunċetti, u l-Iżlam mgħallem mill-maħbub Sid tagħna Muħammad[sa], ma jitkellem imkien dwar kastigi ta' din id-dinja ndirizzati lejn il-blasfemija. L-ebda mewt jew kastig ieħor. Il-Koran Imqaddes tana gwida ċara dwar dan u jgħid:

"Meta tisimgħu s-Sinjali ta' Alla jiġu miċħuda u mżebilħa, toqogħdux ħdejhom sakemm ibiddlu d-diskors; għax f'dak il-każ tkunu bħalhom." (Il-Koran, 4:141 / 6:69)

Wieħed għandu jinnota li minflok jikkastigaw lill-blasfemi, il-kredenti għandhom jitbiegħdu mill-kumpanija ta' dawn in-nies sakemm dawn ibiddlu s-suġġett tad-diskussjoni tagħhom.

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], Kalifatul Masiħ IV, jispjega:

"X'rispons sabiħ għall-kruha assoluta tal-blasfemija! L-Iżlam, mhux biss ma jaċċettax li bniedem jikkastiga lil xi ħadd li jikkawża l-blasfemija, imma jiddikjara li n-nies għandhom jipprotestaw kontra l-blasfemija billi jitbiegħdu minn gruppi ta' nies fejn il-valuri reliġjużi jkunu mżebilħa u redikolati. Filwaqt li nżommu f'moħħna suġġerimenti ta' miżuri pożittivi f'dan il-konfront, fil-Koran Imqaddes anqas biss hemm preskritt bojkott permanenti lejn dak li jikkawża l-blasfemija. Għall-kuntrarju, il-Koran Imqaddes jagħmilha ċara bħall-kristall li dan il-bojkott għandu jdum biss tul il-perjodu tal-att ta' Darba, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kellu jagħti xi flus lil wieħed Lhudi. Il-Lhudi mar fuqu, għax ħaseb li l-flus kellhom jinġabru qabel, u kkonfrontah u talab flusu bi kliem aħrax u pastaż u akkuża lill-Qaddis Profeta[sa] li ma kienx żamm kelmtu. Għadda wkoll kliem dispreġjattiv fil-konfront tal-Qaddis Profeta[sa] u t-tribù tiegħu. Hażrat Umarra, li kien hemm ukoll ħadha bi kbira ferm u forsi wkoll kien se jħebb għalih. Il-Qaddis Profeta[sa] waqqfu milli jagħmel hekk u qallu: "Umarra, kien imissek ġibt ruħek mod ieħor." Ma ħalliex lanqas lil Umarra juża kliem iebes fil-konfront tal-Lhudi. Din kienet l-imġiba tal-Qaddis Profeta[sa] meta safa insultat u mgħajjar fil-kumpanija tas-segwaċi tiegħu.[2]

It-Tweġiba tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Fil-prattika l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għamilha assolutament ċara li m'hemm l-ebda kastig ta' din id-dinja għall-blasfemija u li din il-kwistjoni hi f'idejn Alla - l-iktar Setgħani.

Kif semmejt qabel, meta l-Qaddis Profeta[sa] mar Taif biex jgħallem lin-nies tal-post dwar Alla, huma żebilħuh, offendewh u ttorturawh sakemm ġismu ttertaq aħmar bid-demm. Alla bagħat l-anġlu tiegħu biex jistaqsih jekk iridx li r-raħal jisfa mkisser biċċiet. Dik kienet opportunità għalih biex jgħid iva, biex jagħti lezzjoni lil kulħadd li jekk xi ħadd iżebilħu bid-dagħa dan jiġi kkastigat jew meqrud. Iżda, il-maħbub Profeta tagħna Muħammad[sa] minflok

ikkastiga lil dawn iż-żeblieħa u blasfemi talab lil Alla għalihom:

“Ja Sidi! Aħfrilhom, għax mhumiex jagħrfuni.”[3]

L-istorja tal-bniedem tat xhieda wkoll għal dawk il-mumenti meta l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] – is-Sultan tal-Paċi, daħal Mekka rebbieħ u ddikjara maħfra miftuħa għal kulħadd:

“Bis-setgħa ta’ Alla, illum m’għandkomx kastig u l-ebda twiddiba.”[4]

Ħafer lill-għedewwa tiegħu kollha inkluż lil Ikrama, iben Abu Ġaħal, il-mexxej ta’ dawk li kienu jopponuh[5], u lil Ħinda li ċarrtet sider Ħamżahra, iz-ziju tal-Qaddis Profeta[sa] u qagħdet tomogħdu biex tissodisfa l-wegħda salvaġġa tagħha.[6] Ħafer ukoll lil Waħshi, li qatel lil Ħażrat Ħamżahra, il-veru ziju tal-Qaddis Profeta[sa].[7]

Ħafer ukoll lil Ħabbar, li qatel numru ta’ Musulmani inkluż il-qtil ta’ Żainabra, bint il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].[8] Ħafer lil Abu Sufjan, li kien wieħed mill-ikbar għedewwa tiegħu u mexxa tant gwerer kontrih.[9]

Hu ħafer lill-għedewwa vjolenti u lir-rivali ħorox tiegħu. Ħafer ukoll lil dawk li poġġewlu l-imsaren ta’ ġemel fuq dahru meta kien qiegħed jitlob. Ma kkastigax lanqas lill-mara Lhudija li tefgħetlu l-valenu fil-laħam biex toqtlu.[10] Lanqas ma fittex vendetta mal-għedewwa li xejru s-sejf fuq rasu meta kien rieqed.[11]

Trattament Eżemplari ma’ min Juża l-Blasfemija

Ippermettuli nikkwota wkoll inċident partikolari li seħħ meta l-Qaddis Profeta[sa] kien għadu ħaj. Dan l-inċident jissemma wkoll fil-Koran Imqaddes, u waħdu jwaqqa’ l-idea tal-kastig għal min iwettaq il-blasfemija. L-ebda Musulman ma jista’ jippretendi li jagħraf l-Iżlam daqs il-Qaddis Profeta[sa], għalhekk, ejja nifhmu sew din il-materja billi naraw kif ġab ruħu ma’ dawk li wettqu l-blasfemija.

Abdullah Bin Obey Bin Salul kellu

għira qawwija għall-personalità ħanina tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u għaldaqstant dejjem ħabrek biex iweġġa' s-sentimenti tas-segwaċi devoti tiegħu.

Darba waħda, meta kien qed jirritorna minn spedizzjoni li kienet falliment sħiħ, u l-imsieħba kienu kollha għajjiena u diżappuntati, dan Abdullah ħataf l-opportunità biex jagħmel vendetta. Fil-preżenza ta' xi nies sejjaħ lilu nnifsu "l-aktar eżaltat u l-iktar nobbli" u sejjaħ lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] "l-iktar kattiv". (Il-Koran, 63:9)

Kif sema' dan, Ħażrat Umarra talab permess lill-Qaddis Profeta[sa] biex joqtol lil dan ir-raġel, iżda l-Qaddis Profeta[sa] ma ppermetta l-ebda tpattija. Wara dan, iben Abdullah resaq ukoll lejn il-Qaddis Profeta[sa] u qallu: "Missieri jistħoqqlu dal-kastig għall-insult li xeħet fuqek, għalhekk ippermettili noqtlu." Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] tbissem u qal: "Le, m'hemm xejn xi jsir. Missierek mhu se jiġi kkastigat minn ħadd."

Abdullah għex fil-paċi taħt il-protezzjoni sħiħa tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], sal-mewt naturali tiegħu. Meta miet, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] innifsu offra t-talba tal-funeral tiegħu.[12]

Dan kien il-karattru u din kienet it-tweġiba tal-Qaddis Fundatur[sa] tal-Iżlam lejn dawk li kienu jużaw, b'mod aħrax, il-blasfemija fil-konfront tiegħu. Hu kien raġel ta' ħniena kbira, bniedem ta' prinċipju u bniedem li għex ħajja msejsa fuq il-verità u xejn inqas mill-verità.

Wieħed ma jistax jiddeskrivi fid-dettall l-esaġerazzjonijiet, l-atroċitajiet, l-imġiba skandaluża mwettqa kontra l-Iżlam u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Iżda fl-istess ħin, b'liema faċilità l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ħafrilhom!

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], Kalifatul Masiħ IV, jgħid:

"Din hija r-risposta xierqa għal dawk li qegħdin jinsistu u jsejħu għall-mewt ta' dak il-midgħi li jazzarda jinsulta lill-Qaddis Fundatur[sa] tal-Iżlam, u xejn ħlief il-mewt."[13]

xi ħadd biex jagħmel dan.”[14]

It-tagħlim tal-Koran u l-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jwaqqgħu l-ideat żbaljati u n-nuqqas kollu ta' ftehim li hemm fuq jekk il-blasfemija għandhiex tkun ikkastigata jew le mill-bniedem jew mill-istat; u tħalli l-awtorità kollha f'idejn Alla u din hi realtà suprema u kmandament ta' Alla u **“m'hemm xejn li jista' jbiddel il-Kliem ta' Alla”**.

Konklużjoni

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], ir-raba' Kalif u l-Mexxej Spiritwali tal-Komunità Aħmadija Musulmana, fis-sewwa ġabar fil-qosor il-kwistjoni tal-blasfemija meta qal:

“Il-blasfemija ta' min wieħed jikkundannaha kemm fuq bażi morali u kemm fuq bażi etika, bla dubju, iżda l-ebda kastig fiżiku mhu preskritt fl-Iżlam għall-blasfemija minkejja l-idea żbaljata tad-dinja tal-lum.

Wara li studjajt il-Koran Imqaddes fil-fond u b'reqqa kbira, ma rnexxilix insib imqar vers wieħed li jiddikjara 'l-blasfemija bħala reat li jiġi kkastigat mill-bniedem.

Għalkemm il-Koran Imqaddes jiskuraġġixxi bil-qawwa kull imġiba u taħdit indiċenti, jew il-feriment tas-sensittività tal-oħrajn, kemm jekk maħsub kif ukoll jekk le, l-Iżlam ma jħeġġiġx il-kastig tal-blasfemija f'din id-dinja u lanqas jagħti l-awtorità lil

Ammissjoni ta' Skulari mhux Musulmani

L-istoriku famuż tal-Orjent, Sir William Muir (1819-1905), kien ukoll iddikjara l-fatt li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien ta maħfra universali lil dawk kollha li opponewh bi ħruxija kbira, u dejjem naqas li jikkastigahom. Hu jikteb:

“Fit-tħaddim ta' poter assolutament dittatorjali, Muħammad kien ġust u meqjus. Lanqas qatt ma naqas mill-moderazzjoni lejn l-għedewwa tiegħu, meta dawn ċedew bil-ferħ għall-

pretensjonijiet tiegħu. It-taqbida twila u stinata tal-abitanti ta' Mekka kontra l-pretensjonijiet tiegħu setgħu wasslu lir-rebbieħ biex jimmarka l-għadab tiegħu b'sinjali permanenti ta' nar u demm. Iżda Muħammad, taqta' xi ftit kriminali, ta maħfra universali; u, filwaqt li b'nobbiltà xejjen kompletament il-memorja tal-passat, bid-disprezz, it-twaqqigħ għaċ-ċajt u l-persekuzzjoni kollu tagħha, mexa saħansitra mal-ikbar għadu tiegħu bi grazzja u ħbiberija liema bħalha. Mhux inqas evidenti kienet it-tolleranza murija lil Abdullah u lill-abitanti ostili tal-Medina [jiġifieri, l-ipokriti], li għal ħafna snin webbsu rashom fit-tfixkil tal-pjanijiet u ħaduha kontra l-awtorità tiegħu, u lanqas il-klemenza li biha laqa' l-avvanzi sottomessi ta' tribujiet li qabel kienu fost l-iktar ostili, anke fis-siegħa tar-rebħa."[15]

L-arkeologu u orjentalist magħruf, Stanley Lane-Poole (1854-1931), jikteb:

"Huwa ħafer mingħajr indiema lill-Quraish tas-snin kollha mimlija dwejjaq u disprezz krudili li tefgħu fuqu, u ta amnestija lill-popolazzjoni kollha ta' Mekka... Kien b'dan il-mod li Muħammad reġa' daħal mill-ġdid fil-belt nativa tiegħu. Fl-annali kollha ta' konkwisti m'hemm l-ebda daħla trijonfanti li titqabbel ma' din."[16]

K. S. Ramakrishna Rao, Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Maysore, l-Indja, fil-ktieb tiegħu *Muhammad: The Prophet of Islam*, jikteb:

"Il-mod ta' kif kien jittratta lill-aktar għedewwa kiefra kien l-aktar eżempju nobbli għas-segwaċi tiegħu. Fir-rebħa ta' Mekka, Muħammad kien fil-quċċata tal-qawwa tiegħu. Il-belt li kienet ittorturat lilu u lis-segwaċi tiegħu, li kienet wasslet lilu u lis-segwaċi tiegħu sal-eżilju, u li kienet ippersegwitat lilu u lis-segwaċi tiegħu bla waqfien, irrifjutat lilu u lis-segwaċi tiegħu anke meta kien sab refuġju aktar minn 200 mil 'il bogħod, dik il-belt, issa kienet taħt id-dominju tiegħu. Skont il-liġijiet tal-gwerra, ġustament seta' rreaġixxa għall-krudeltajiet li sofra hu flimkien mas-segwaċi tiegħu. Imma, kif ittrattahom? Qalb Muħammad kienet xhieda ta' mħabba u tjieba meta ddikjara:

"Illum, ma jixraqx li nikkastigakom, u għaldaqstant intom kollha meħlusin."[17]

L-Imġiba t-Tajba tal-Qaddis Profeta[sa]

K. S. Ramakrishna Rao, Professur tal-Filosofija, jikteb:

"Bħalma jgħid il-proverbju, raġel onest huwa l-aktar ġest nobbli ta' Alla. Muħammad kien aktar minn onest. Muħammad kien uman fil-veru sens tal-kelma. Is-simpatija u l-imħabba umana kienu l-qofol ta' ruħu. Biex jaqdi, ifaħħar, isaffi, jeduka, f'kelma waħda biex jumanizza lill-bniedem - dan kien l-għan tal-missjoni tiegħu, il-bidu u t-tmiem ta' ħajtu. Fil-ħsieb, fil-kliem, fl-għemil, kellu t-tjieba tal-umanità bħala l-unika ispirazzjoni, l-uniku prinċipju li jiggwidah."[18]

Wieħed minn Sħab il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], Abu Saeed Khudrira jirrakkonta:

"Il-Qaddis Profeta[sa] kien jagħlef l-iġmla (huwa stess). Huwa kien jagħmel ix-xogħlijiet tad-dar, isewwi ż-żraben, iraqqa' l-ilbies, jaħleb in-nagħaġ, jiekol flimkien mal-qaddejja u jitħan id-dqiq magħhom. Huwa ma kienx jistħi jġorr ix-xirja mis-suq sa għand niesu. Huwa kien jieħu b'idejn l-għani u l-fqir, u kien ikun minn tal-ewwel li jsellem. Huwa ma kienx jiddejjaq jilqa' xi stedina, imqar biex jiekol xi tamar. Huwa kellu karattru ħelu u qalb tajba. L-imġiba tiegħu kienet mill-aħjar u kien dejjem b'wiċċ ferrieħi. Huwa kien jitbissem, imma ma kienx jidħak jgħajjat. Lanqas ma kien ikun imqit meta kien ikun imdejjaq. Huwa kien umli, iżda ma kienx jintrema; kien ġeneruż, iżda mingħajr ħela. Kellu qalbu tajba u kien ħanin ma' kulħadd. Huwa qatt ma kien jiekol sa ma jasal biex jibda jitfewwaq. Huwa qatt ma midd idu b'xeħħa."[19]

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

"L-akbar virtù hija li titħabbeb ma' min qata' r-relazzjoni miegħek, u li tagħti lil min ma riedx jagħtik, u taħfer lil min għajrek." [20]

"Il-karità ma tnaqqasx il-flus. Alla jagħti ġieħ lil dak li jaħfer id-deni li jsir miegħu, u ma jitkabbarx ma' min jagħmillu ħsara." [21]

Nota tal-Pubblikatur

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati:

sa *sallallahu 'alaihi wa sallam, li tfisser* 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

as *alaihis-salam,* li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

ra *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum,* li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

Referenzi

1. *Islam's Response to Contemporary Issues*, p.39
2. *Mustadrak* Ħ*akim, Kitab Mārafatus-Saħaba*, v.3, p.605
3. *As-Sīratul-*Ħ*albijah*, v.1, p.354, ippubblikat f'Beirut
4. *As-Sīratun-Nabwijah, Ibni* Ħ*isham*, v.4, p.94, ippubblikat fl-Eġittu
5. *As-Sīratul-*Ħ*albijah*, v.3, p.92, ippubblikat f'Beirut
6. *As-Sīratul-*Ħ*albijah*, v.3, p.118, ippubblikat f'Beirut
7. *As-Sīratul-*Ħ*albijah*, v.3, p.118, ippubblikat f'Beirut
8. *As-Sīratul-*Ħ*albijah*, v.3, p.106, ippubblikat f'Beirut
9. *As-Sīratun-Nabwijah, Ibni* Ħ*isham*, v. 4, p. 90, ippubblikat f'Beirut; *As-Sīratun-Nabwijah, Ibni* Ħ*isham*, v. 4, p. 46, ippubblikat fl-Eġittu
10. *Abu Daūd, Kitabud-Dijat, Bab feeman saqa rajulan*
11. *Saħi*ħ *Buk*ħ*ari, Kitabul-Magażi, Bab Gażwa Żatur-Riqa*
12. *Saħi*ħ *Buk*ħ*ari, Kitabul-Janaiż, Bab 84*
13. *Islam's Response to Contemporary Issues*, p.43
14. *Islam's Response to Contemporary Issues*, p.38
15. Sir William Muir. *Life of Muhammad.(v. IV). Smith, Elder and Company., London. pp*. 303-307 (1861).
16. Stanley Lane-Poole. *Introduction. In: 'Speeches and Table Talk of the Prophet Muhammad'. Macmillan & Co., London. p xlvi (1882)*
17. *Muhammad: The Prophet of Islam*, K. S. Ramakrishna Rao, p.10
18. *Muhammad: The Prophet of Islam*, K. S. Ramakrishna Rao, p.25
19. *Mixkāt, Kitabul-Fitan, Bab fi akhlaqehi, Asadul-Gaba*, v.1, p.29
20. *Musnad Aħmad*, 3/438
21. *Musnad Aħmad*, 2/235; 2/438

IMĦABBA
GĦAL KULĦADD
MIBEGĦDA
GĦAL ĦADD

Blasphemy and the Holy Prophet Muhammad[sa]
In Maltese Language

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA